

INFORMAZZJONI DWAR L-ISPAZJU EKONOMIKU EWROPEW

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Tħabbira min-Norveġja rigward id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet biex jingħataw u jintużaw l-awtorizzazzjonijiet għat-tħaffir, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' l-idrokarboni

Tħabbira ta' stedina għall-applikazzjoni għall-liċenzji tal-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża — Għotjiet f'Żoni Predefiniti 2008

(2008/C 180/09)

Il-Ministru Norveġiż għaż-Żejt u l-Enerġija qiegħed b'hekk iħabbar l-istedina għall-applikazzjoni għall-liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża skond id-direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet biex jingħataw u jintużaw l-awtorizzazzjonijiet għat-tħaffir, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' l-idrokarboni, l-Artikolu 3, il-paragrafu 2, l-ittra a)

L-applikazzjonijiet għall-liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat għandhom jintbagħtu lil:

Ministeru għaż-Żejt u l-Enerġija
P.O. Box 8148 Dep.
N-0033 OSLO

sat-3 ta' Ottubru 2008.

L-għotja tal-liċenzji għall-produzzjoni taż-żejt mhux raffinat għall- l-Għotjiet f'Żoni Predefiniti 2008 fuq il-Blata Kontinentali Norveġiżi għandha ssir lejn l-aħħar tal-2008 u l-bidu tal-2009.

Aktar informazzjoni, inkluża mappa dettaljata taż-żoni disponibbli tista' tinkiseb mill-websajt www.npd.no/apa2008 jew billi jiġi kkuntattjat il-Ministeru għaż-Żejt u l-Enerġija, tel. (47) 22 24 62 09.